

DIRETTIVA 2007/38/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Lulju 2007

dwar ir-retrofitting ta' mirja fuq vetturi tqal tal-merkanzija reġistrati fil-Komunità

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi il-Komunità Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 71(1)(c) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽¹⁾,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ⁽²⁾,

Billi:

- (1) Numru ta' inċidenti huma kkawżati minn sewwieqa ta' vetturi tqal tal-merkanzija li ma jindunawx li utenti oħra tat-triq ikunu qegħdin viċin ħafna jew ħdejn il-vettura tagħhom. Dawn l-inċidenti ħafna drabi huma marbuta ma' xi tibdil fid-direzzjoni fil-crossings, fil-junctions u fir-roundabouts meta s-sewwieqa jonqsu milli jaraw lill-utenti l-oħra tat-triq fil-blind spots li jeżistu fil-partijiet immedjament madwar il-vettura tagħhom. Huwa smat li kull sena madwar 400 persuna fl-Ewropa tmut f'ċirkostanzi bħal dawn, ħafna minnhom utenti vulnerabbli tat-triq bħaċ-ċiklisti, motoċiklisti u dawk li jimxu fit-triq.
- (2) Fil-White Paper tagħha tat-12 ta' Settembru 2001 "Politika għal trasport Ewropew għall-2010: wasal iż-żmien għal deċiżjoni" il-Kummissjoni Ewropea għamlet mira li tnaqqas bin-nofs in-numru ta' mwiet fit-toroq fl-UE sa l-2010. Fit-tielet Programm tagħha dwar l-Azzjoni għas-Sigurezza fit-Toroq, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tinvestiga l-kwistjoni tar-retrofitting fuq vetturi tqal tal-merkanzija li diġà qegħdin fiċ-ċirkulazzjoni u li għandhom tagħmir għall-viżjoni indiretta biex jitnaqqsu l-blind spots tagħhom u b'hekk isir kontribut għat-tnaqqis ta' l-imwiet fit-toroq.
- (3) Fil-pjan tagħha fuq 10 snin fir-Rapport Finali "Sistema Regulatorja Kompetittiva għall-Vetturi bil-Mutur għas-

Seklu 21", il-Grupp ta' Livell Għoli CARS 21 irrakkomanda approċċ integrat fir-rigward ta' sigurezza fit-triq li tinkludi l-introduzzjoni obbligatorja tal-karatteristiċi ta' sigurezza ġodda, bħalma huma l-mirja, biex jitnaqqsu l-blind spots tal-vetturi tqal tal-merkanzija.

- (4) It-tagħmir għal viżjoni indiretta, bħall-mirja ta' angolu wiesa' u għall-viċin, cameras, monitors u sistemi oħra ta' viżjoni indiretta li jkollhom approvazzjoni tat-tip, itejbu l-kamp tal-viżjoni tas-sewwieq u jżidu s-sigurezza tal-vetturi.
- (5) Id-Direttiva 2003/97/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Novembru 2003 dwar it-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni skond it-tip tal-viżjoni indiretta u tal-vetturi mġhamra b'dawn il-mezzi ⁽³⁾ filwaqt li jkun hemm potenzjal kbir biex jitnaqqsu n-numru ta' mwiet tolgot biss il-vetturi reġistrati ġodda.
- (6) Għalhekk il-vetturi li qegħdin diġà fiċ-ċirkulazzjoni mhumiex suġġetti għall-obbligi stabbiliti fid-Direttiva 2003/97/KE. Jista' jkun smat li dawk il-vetturi mhumiex se jkunu kompletament sostitwiti sa l-2023.
- (7) Bħala għajnuna sabiex jitnaqqsu l-inċidenti fatali u serji fit-toroq ikkawżati minn dawk il-vetturi u li jinvolvu l-utenti vulnerabbli tat-triq, huwa xieraq li sadanittant isir prov(v)ediment sabiex il-vetturi kkonċernati jiġu retrofitted b'tagħmir aħjar għal viżjoni indiretta.
- (8) Vetturi li qegħdin diġà fiċ-ċirkulazzjoni għandhom jiġu mġhamra b'mirja li jnaqqsu l-blind spots laterali tal-vettura waqt li jissodisfaw ir-rekwiżiti tekniċi tad-Direttiva 2003/97/KE. Dan huwa teknikament fattibbli għall-maġġoranza tal-vetturi kkonċernati.
- (9) Huwa għalhekk xieraq u proporzjonat li jiġu provduti eżenzjonijiet u derogi għal vetturi li ma tantx għad fadlilhom biex jitneħħew, vetturi li huma mġhamra b'mirja laterali li l-kamp ta' viżjoni tagħhom ikopri kem(m)xejn inqas mill-kampijiet ta' viżjoni stabbiliti fid-Direttiva 2003/97/KE, u l-vetturi fejn it-tagħmir b'mirja konformi ma' dik id-Direttiva ma jkunx vijabbli ekonomikament.

⁽¹⁾ Opinjoni ta' l-14 ta' Marzu 2007 (għadha mhix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ Opinjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-10 ta' Mejju 2007 (għadha mhix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2007.

⁽³⁾ ĠU L 25, 29.1.2004, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kunsill 2006/96/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 81).

- (10) Il-vetturi fil-kategoriji N₂ and N₃ li oriġinalment kienu reġistrati u/jew li kellhom approvazzjoni tat-tip u/jew bdew jintużaw qabel l-1 ta' Jannar 2000, u li jkunu mħaddma l-aktar minħabba l-interess storiku tagħhom m'għandhomx jintlaqtu mir-regoli u l-proċeduri stabbiliti f'din id-Direttiva.
- (11) Għall-vetturi tqal tal-merkanzija li, minħabba raġunijiet tekniċi u/jew ekonomiċi, ma jistgħux jinġiebu konformi bis-sħiħ mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu u japprovaw soluzzjonijiet alternattivi. F'dawn il-każijiet l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw listi ta' soluzzjonijiet tekniċi permessi u approvati lill-Kummissjoni, li min-naħa tagħha, għandha tagħmilhom disponibbli għall-Istati Membri kollha.
- (12) Sabiex is-suq ilaħħaq mad-domanda għolja għal mirja f'perjodu qasir ta' żmien għandha ssir dispożizzjoni għal perjodu tranżitorju.
- (13) Il-vetturi tqal tal-merkanzija li ġew *retrofitted* qabel id-dati tat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2003/97/KE b'taġhmira ta' viżjoni indiretta li l-biċċa l-kbira jkopru il-kamp ta' viżjoni mitluba minn dik id-Direttiva għandhom jiġu eżentati mir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.
- (14) L-eżerċizzju tar-*retrofitting* għandu jiġi akkumpanjat minn miżuri adegwati mfassla biex jikber l-għarfien tal-perikli marbuta ma' l-eżistenza ta' *blind spots* tal-vetturi tqal tal-merkanzija, inklużi kampanji li jqajmu kuxjenza mmirati lejn utenti vulnerabbli, kif ukoll għall-aġġustament u l-użu korrett ta' taġhmira ta' viżjoni indiretta.
- (15) Vetturi oħra barra minn dawk koperti minn din id-Direttiva, bħal vetturi ħfief tal-merkanzija u xarabanks, li m'humiex mgħammra b'taġhmira imtejjeb għal viżjoni indiretta wkoll huma involuti f'inċidenti li jikkonċernaw *blind spots*. Għalhekk, il-leġislażzjoni Komunitarja dwar rekwiżiti ta' sigurezza attivi u passivi għandha tkun riveduta b'mod kontinwu bil-għan li tittejjeb u tkun promossa s-sigurezza fuq it-toroq.
- (16) Għall-finijiet ta' analiżi iżjed komprensiva u strateġija futura dwar it-tnaqqis ta' l-inċidenti dovuti għall-*blind spots*, il-Kummissjoni għandha, skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/704/KE tat-30 ta' Novembru 1993 dwar il-ħolqien ta' *database* tal-Komunità dwar inċidenti tat-triq ⁽¹⁾ u atti rilevanti oħrajn tal-Komunità, bħad-Deċiż-
- joni Nru 2367/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar il-programm ta' l-istatistiċi fil-Komunità bejn l-2003 sa l-2007 ⁽²⁾, tiġbor *data* rilevanti mill-Istati Membri u tipproċessaha kif meħtieġ.
- (17) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/96/KE ta' l-20 ta' Diċembru 1996 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-testijiet dwar jekk il-vetturi u l-karrijiet tagħhom humiex tajba għat-triq ⁽³⁾ tistipula li għandhom isiru testijiet perjoċiċi dwar jekk humiex tajba għat-triq għal vetturi bil-mutur użati għall-ġarr ta' merkanzija u li jkollhom piż massimu permissibbli li jeċċedi t-3,5 tunnellati, għallinqas fuq bażi annwali. Huwa meħtieġ li l-vetturi tqal tal-merkanzija jkunu, fost l-oħrajn, mgħammra b'mirja ta' wara li jkunu konformi mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva sabiex jgħaddu minn dan it-test dwar jekk humiex tajba għat-triq. Iċ-ċertifikati, li jattestaw li huma tajba għat-triq, maħruġa mill-Istati Membri għal vetturi reġistrati fit-territorju tagħhom huma rikonnoxxuti reċiprokament għall-finijiet taċ-ċirkolazzjoni libera tal-vetturi fit-toroq ta' l-Istati Membri.
- (18) Ladarba l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri r-*retrofitting* ta' vetturi li qegħdin diġà fiċ-ċirkolazzjoni fil-Komunità, ma jstax jinkiseb biżżejjed mill-Istati Membri u jista' għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti tagħha, jinkiseb aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.
- (19) Konformement mal-punt 34 tal-Ftehma Interistituzzjonali dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet ⁽⁴⁾, l-Istati Membri huma mħeġġa sabiex, kemm għalihom, kif ukoll fl-interess tal-Komunità, ifasslu t-tabelli tagħhom, li kemm jista' jkun għandhom juru l-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni, u sabiex jippubblikawhom,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Din id-Direttiva tistabbilixxi r-rekwiżiti għat-taġhmira ta' sistemi ta' viżjoni indiretta fuq vetturi ta' kategoriji N₂ u N₃, kif imsemmi fil-punt 2 tat-Taqsim A ta' l-Anness II mad-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom ⁽⁵⁾, li huma reġistrati fil-Komunità.

⁽²⁾ ĠU L 358, 31.12.2002, p. 1. Id-Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni Nru 787/2004/KE (ĠU L 138, 30.04.2004, p. 12).

⁽³⁾ ĠU L 46, 17.2.1997, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.

⁽⁴⁾ ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 42, 23.2.1970, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2007/37/KE (ĠU L 161, 22.6.2007, p. 60).

⁽¹⁾ ĠU L 329, 30.12.1993, p. 63. Id-Deċiżjoni kif emendata mir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

Artikolu 2

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għal vetturi tal-kategoriji N_2 u N_3 li ma jkollhomx l-approvazzjoni tat-tip jew li ma jkunux approvati bħala vettura unika taħt id-Direttiva 2003/97/KE.
2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal dawn li ġejjin:
 - (a) vetturi tal-kategoriji N_2 u N_3 reġistrati qabel l-1 ta' Jannar 2000;
 - (b) vetturi tal-kategorija N_2 li jkollhom piż massimu permisibbli li ma jeċċedix 7,5 tonnelli, fejn ikun impossibbli li tiġi installata mera tal-klassi V b'mod li jiżgura li jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (i) l-ebda parti tal-mera ma tkun inqas minn 2 m (tista' tiġi applikata tolleranza ta' + 10 cm) mill-art, irrispettivament mill-pożizzjoni ta' l-aġġustament, meta l-vettura jkollha tagħbija li tikkorrispondi għall-piż massimu teknikament permisibbli għaliha; u
 - (ii) (i)l-mera tkun għal kollox viżibbli mill-pożizzjoni tas-sewqan;
 - (c) vetturi tal-kategoriji N_2 u N_3 li jkunu suġġetti għal miżuri nazzjonali li daħlu fis-seħħ qabel id-dati tat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2003/97/KE, u li jeħtieġu l-installazzjoni, fuq in-naħa tal-passiġġier, ta' mezzi oħra ta' viżjoni indiretta li jkopru mhux anqas minn 95% tal-kamp totali ta' viżjoni fil-livell ta' l-art ta' mirja tal-klassi IV u tal-klassi V taħt dik id-Direttiva.

Artikolu 3

1. B'effett mis-6 ta' Awwissu 2007 u mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2009, l-Istati Membri għandhom jesigū li l-vetturi kollha msemija fl-Artikolu 2(1) ikunu mġhammra, fuq in-naħa tal-passiġġieri, b'mirja ta' angolu wiesa' u għall-veċin li jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-mirja tal-klassi IV u l-mirja tal-klassi V skond id-Direttiva 2003/97/KE rispettivament.
2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva għandha titqies bħala miksuba meta l-vetturi mġhammra, fuq in-naħa tal-passiġġier, b'mirja ta' angolu wiesa' u għall-veċin li l-kombinazzjoni tal-kampijiet ta' viżjoni tagħhom tkopri mhux inqas minn 95 % tal-kamp ta' viżjoni fil-livell ta' l-art ta' mirja tal-klassi IV u mhux inqas minn 85 % tal-kamp ta' viżjoni fil-livell ta' l-art ta' mera tal-klassi V taħt id-Direttiva 2003/97/KE.

3. Il-vetturi msemija fl-Artikolu 2 li, minħabba nuqqas ta' soluzzjonijiet tekniċi disponibbli u ekonomikament vijabbli, ma jistgħux jiġu mġhammra b'mirja li jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi 1 jew 2 ta' dan l-Artikolu, jistgħu jiġu mġhammra b'mirja supplimentari u/jew tagħmir ieħor ta' viżjoni indiretta, kemm-il darba l-kombinazzjoni ta' tali tagħmir ikun ikopri mhux anqas minn 95 % tal-kamp ta' viżjoni fil-livell ta' l-art ta' mirja tal-klassi IV, u mhux anqas minn 85 % tal-kamp ta' viżjoni fil-livell ta' l-art ta' mirja ta' Klassi V skond id-Direttiva 2003/97/KE.

4. L-Istati Membri għandhom jikkomunkaw lista ta' soluzzjonijiet tekniċi konformi ma' dan l-Artikolu lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tpoġġi l-informazzjoni notifikata għad-dispożizzjoni tal-pubbliku permezz tal-websajt tagħha jew kwalunkwe mezzi oħra adegwati, għall-Istati Membri kollha.

Artikolu 4

1. Il-konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 3(1), (2) u (3) għandha tiġi stabbilita permezz ta' prova mogħtija minn Stat Membru skond l-Artikolu 3 tad-Direttiva 96/96/KE.

2. Il-Kummissjoni, assistita mill-kumitati msemija fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 96/96/KE u fl-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 70/156/KEE, fl-oqsma rispettivi tagħhom, għandha tieħu l-miżuri adegwati sabiex tiżgura li t-tagħmir imsemmi fl-Artikolu 3 ta' din id-Direttiva jiġi installat u jiġi ttestjat sabiex jiġu stabbiliti il-konformità tiegħu u jekk hux tajjeb għat-triq skond ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Dawn il-miżuri għandhom jittieħdu sa mhux aktar tard mis-6 ta' Awwissu 2008.

Artikolu 5

Sas-6 ta' Awwissu 2011, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva flimkien ma' studju dwar inċidenti dovuti għall-*blind spots* li jkopri l-vetturi kollha u l-ispejjeż involuti, bil-għan li tittejjeb is-sigurezza fit-toroq. Fuq il-bażi ta' analiżi aktar komprensiva dwar l-ispejjeż imqabbli mal-benefiċċji, ir-rapport tal-Kummissjoni għandu jkun akkumpanjat, jekk ikun il-każ, minn proposta għar-reviżjoni tal-leġislazzjoni eżistenti.

Artikolu 6

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità ma' din id-Direttiva sas-6 ta' Awwissu 2008. Għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jad(d)ottaw dawn id-dispożizzjonijiet, għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġijiet nazzjonali li dawn jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 7

Din id-Direttiva tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 8

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Strasburgu, 11 ta' Lulju 2007.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

H.-G. PÖTTERING

Għall-Kunsill

Il-President

M. LOBO ANTUNES
